MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru 711/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur M Sammut)

vs

**Peter Paul sive Pierre Grima**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Peter Paul maghruf bhala Pierre Grima ta' 40sena bin Joseph u Angela nee' Barbara mwieled Attard fil-15 ta' Gunju 1962, u residenti 3 Triq G Galilei, Mellieha u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 424062(m).

Talli:

Nhar l-14 ta' Jannar 2002 u s-snin ta' qabel, bhala proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond The Alley Pub, Triq Wilga, San Giljan b'diversi atti maghmulin minnek b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom jistghu jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marka tal-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn imsemmi u b'hekk ikkommetejt serq ta' dawl elettriku ta' Lm14172.85 ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur u dan ai terminu tal-artikoli18, 261,262,264(2), 267, 279(b) u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar taht l-istess cirkostanzi ikkommettejt hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka Amam numru 1057 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema hsara ma teccedix Lm50 u dan bi ksur ta' Artikolu 325(c), 326(c0 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra n-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja min din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat id-dokumenti kollha.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat irregistra ammissjoni fis-sens li l-ammont ta' servizz ta' dawl mhux registrat kien ta' Lm797.38c u hekk ammetta serq kwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u hsara ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, kollox bi hsieb wiehed u tenna wara li l-Qorti fissritlu il-konsegwenzi ta' ammissjoni.
Stante ammissjoni issib l-akkuzat hati kif fuq imfisser.

Rat l-art 18, 261,263,264, 267, 325(c) u 326(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li ser tapplika wara li rat il-verbal tallum u semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Ghalhekk filwaqt li ssib l-akkuzat hati tar-reati li jaqghu taht l-artikoli fuq isemmija, qed tilliberah taht l-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien (3) xhur millum. Il-Qorti tfiehem bi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------